# GHALIEX NEMMEN FL-EHIERES

**Minn NOEL CARUANA DINGLI**

Hemm ħafna fehmiet għaliex ma kontx nemmen fl-eħieres. Meta kont inkun bejn ħaltejn kont ngħid lili nnifsi, "Jekk Alla setgħan u ħanin, żgur li mhux se jħalli l-eħieres jidhru lin-nies u jagħtuhom qatgħa". Iżda ommi ma taħsibhiex hekk u llum erġajt sibt ruħi bejn ħaltejn għax ommi darba qaltli, "Meta waqgħetilna d-dar fil-gwerra sibna dar oħra fejn noqogħdu għax kien hemm ħafna djar vojta. Din id-dar, li kienet ta' xi patrijiet, kienet in-numru ......, Il-Moll tal-Pietà. Aħna morna fiha fl-1943. Kienet dar kbira bi tliet sulari u sittax-il kamra u kantina kbira mimlija brimb ukoll. Meta morna noqogħdu hemm, malajr sirna ħbieb mal-ġirien, iżda kienu jgħidulna, "X'ġejtu tagħmlu hawnhekk? Dik id-dar kienet ilha magħluqa għal xi għaxar snin". Qalulna wkoll li ħafna snin qabel raġel kien intlaqat minn sajjetta għax il-ħajt ta' waħda mill-kmamar tat-tieni sular kien għadu iswed. Barra minn dan raġel ieħor kien qatel ruħu b'idejh fit-tielet sular. Il-ġirien qalulna wkoll li dawk li kienu fid-dar qabilna kienu daħlu fqar u ħarġu sinjuri!

Għall-ewwel ma tajniex kas dan kollu, u iżjed konna nibżgħu mis-suldati suwed li kien hemm stazzjonati ħdejna, u mill-bombi. Kien żmien ta' gwerra u konna qegħdin f'ħalq il-lupu hemmhekk. Iżda kollox mexa b'wiċċ il-ġid, il-gwerra ntemmet u bqajna ħajjin. Għall-ewwel konna qegħdin fil-hena tagħna, iżda wara l-ħelu jiġi l-morr u malajr inqala' l-għawġ.

Il-ġnien tan-nies ta' maġenbna kien ikbar minn tagħna u kien jibqa' sejjer sa ħdejn l-isptar ta' San Luqa. Huma qatgħuha li jwaqqfu industrja ta' l-insiġ fil-ġnien. Malajr ġew xi ħaddiema biex jibnu kamra ta' l-insiġ u aħna ta' tfal li konna morna fit-terrazzin biex narawhom. L-ewwel ma għamlu l-ħaddiema kienet li jaqilgħu siġra kbira tat-tut li kien hemm f'tarf il-ġnien. F'daqqa waħda l-ħaddiema waqfu ħesrem mix-xogħol għax kienu sabu xi ħaġa midfuna taħt is-siġra tat-tut: kienu sabu l-iskeletru ta' bniedem! Imbagħad ma ħabblux rashom u tefgħu l-iskeletru fuq il-ħajt tal-ġnien tagħna. L-iskeletru kien ilu ma jara d-dawl u għalhekk sar trab. Aħna, li rajna kollox, morna ngħidu 'l ommna, iżda billi konna għadna żgħar u dejjem nidħku, hi m'emmnitniex, u qalet, "Din żgur xi waħda minn tagħkom!"

Minn dak in-nhar bdejna nibżgħu noqogħdu hemm għax konna

nħossu li ma konniex weħidna. Ġie li kont nixgħel id-dawl ta' xi kamra u wara ftit nisma' "klikk", qisu xi ħadd reġa' mar biex jixgħel. Ġie li kont nitla' t-taraġ u nħoss qisu r-riħ ta' xi ħadd li jkun għadda minn ħdejja. Jista' jkun illi daħħalna xi fellus f'rasna, u minn dan kollu ma kien hemm xejn għax aħna konna ngħidu lil xulxin biex niċċajtaw, "Ar'hemm ġej ir-raġel għalik!" Iżda ftit wara ma bqajniex niċċajtaw iżjed.

Oħti kienet brava ħafna, u għalhekk kienet tmur tagħti l-privat lit-tfal ta' maġenbna. Dawn kamrithom kienet tmiss mal-ġnien u darba waħda staqsew lil oħti, "ntom qed taraw raġel miexi fil-ġnien? Aħna kuljum naraw raġel miexi fil-ġnien tagħna". Oħti ma qaltilhomx bl-iskeletru, għax ma riditx tbeżżagħhom, iżda lilna qaltilna u iżjed bdejna nibżgħu.

Wara ftit bdew jiġru affarijiet mhux tas-soltu. Jien u oħti konna norqdu fl-istess kamra. Darba waħda, konna għadna kif dħalna fis-sodda, meta smajt qisu xi ħadd ibati biex jieħu n-nifs. Dort lejn oħti u għedtilha, "Int li tibża' aktar minni, qed tipprova tbeżżagħni?" Iżda hi qaltli, "X'inti tgħid? Naħliflek li mhux jien kont". Kont naf li ma kenitx qed tigdeb. Ħaġa oħra hi li ftit wara oħti niżlet mit-tielet sular fejn kienet qed tistudja u qaltilna, "Tassew hawn xi ħaġa f'din id-dar". Staqsejnieha x'kienet rat, iżda hi ma riditx tgħidilna.

Iżda l-agħar kien għadu ġej. Lejla waħda sajfija jien u ommi konna qegħdin nieklu ħdejn il-bieb tal-ġnien. Billi d-dawl kien nqata' mill-Gvern minħabba l-gwerra, kellna lampa tal-pitrolju ħdejna meta f'daqqa waħda wiċċ ommi sar abjad daqs il-qarsa tax-xemgħa u qaltli, "Isa, qum għalaq il-bieb tal-ġnien". Jien qomt u għalaqt il-bieb. Jien u nagħlaq il-bieb rajt lil ommi tiġri 'l fuq u titla' t-taraġ tnejn tnejn. Jien stagħġibt, għax ommi kienet tbati b'qalbha u s-soltu kienet iddum biex titla' t-taraġ. Meta staqsejnieha x'kien ġara, hi weġbitna, "Ma ngħidilkomx illum, għax ma torqdux. Ħalluni waħdi. Ngħidilkom għada". L-għada filgħodu qaltilna, "Aħna u nieklu rajt raġel ġej mit-tarf tal-ġnien. Kien raġel twil, sabiħ u mibrum. Kien liebes qisu kien sejjer riċeviment. Saċċoff kbir ma' għonqu, iżda flok ras ta' bniedem kellu ras ta' mewt!" Imbagħad daret lejja u caltli, "Ir-raġel daħal mill-ġnien, u għadda minn warajk. Imbagħad mar biex jixgħel id-dawl, iżda billi d-dawl kien maqtugħ, ma rnexxilux jixgħel".

Ftit żmien wara ommi qalbet għall-agħar, u mietet! Mal-ewwel qtajnieha li nġorru u mmorru noqogħdu f'dar oħra, iżda s-saħta ta' din id-dar baqgħet magħna sa l-aħħar. Aħna u niżlin it-taraġ biex nitilqu, qisu xi ħadd qabad lin-neputija tiegħi ta' xi tliet snin u waqqagħha t-taraġ. Hi ħabtet rasha mal-ħajt u ntilfet minn sensiha. Aħna ħadnieha għand l-eqreb tabib, u qalilna, "Għal xagħra ma baqgħetilkomx mejta. Kieku ħabtet rasha nofs pulzier 'il fuq kienet tmut minnufih!" Illum din it-tifla tgħix l-Awstralja u għandha wieħed u tletin sena. Meta ġiet tgħaddi xi xahar magħna Malta ma riditx tersaq lejn id-dar. Għadha tibża' sal-lum!

Aħna malajr sibna dar oħra u ftit wara qalulna li mara li kienet marret toqgħod fl-istess dar meta tlaqna aħna, kienet mietet ħabta u sabta. Ftit wara koppja miżżewġa marru joqogħdu hemm ukoll. Kollox mar ħarir sakemm il-mara rat raġel b'wiċċ ta' mewt fil-kamra tal-banju, hi u tinħasel. Hi ħarġet għarwiena fit-triq bil-qatgħa li ħadet. M'għandniex xi ngħidu, dik il-familja telqet ukoll mid-dar. Ftit wara nies oħra marru joqogħdu fiha u dejjem konna naraw id-dar mixgħula vampa. B'xorti tajba dawn in-nies għadhom joqogħdu hemm illum u jidhru li qegħdin tajjeb.

Dawk kienu l-ġrajjiet li qaltli ommi. Jien naf li ommi ma kenitx giddieba u ma kenitx tipprova tgħaddini bid-dgħajsa. Għalhekk għadni ma nafx jekk għandix nemmen fl-eħieres jew le. Meta nisma' din il-ġrajja dejjem naħseb bejni u bejn ruħi, "Ma jistax ikun li kienet alluċinazzjoni li tant nies raw raġel b'wiċċ ta' mewt. Kif, kollha kienu giddieba?" Ma naħsibx li kulħadd jista' jaqla' storja bħal din minn nżiedu. Żgur li kien hemm xi ħaġa mhux tas-soltu f'dik id-dar. Imma min jista' jgħid fis-sew...?